# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**
**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**
**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 652/00mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Mario Desira bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Marquis Leathers Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u erbgha u sebghin liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm574.39) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-

servizz tat-telex bin-numru 1540, liema servizz gie nstallat fil-fond Marquis Leathers Limited, 21, Cross Street, Marsa, u dana skond ma jidher mill-anness 'service agreement' Dok A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta' l-avviz, ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu, 1997, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-20 ta' Frar, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.